TRIBUNAL INDUSTRIJALI

INTERPRETAZZJONI TA' DECIZJONI NRU. 113

Wara d-decizjoni
fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sinjorina Bibiana Genovese
u
Messrs Agio Tobacco Company Limited

20 t'April 1982

Chairman : A. Debono, C.P.A.A.

It-Tribunal,

Fuq talba li saritlu mis-Sur Angelo Bartolo, Segretarju, Taqsima Kimika u Haddiema Generali tal-General Workers' Union, permezz ta' zewg ittri li jgibu d-data ta' l-4 ta' Frar u 2 ta' Marzu, 1982, biex jaghti interpretazzjoni fis-sens x'jifhem it-Tribunal bil-kliem "Industrial Agreement", li hemm referenza ghalihom fir-raba (4) paragrafu tad-Decizjoni Nru. 113.

L-"Industrial Agreement" huwa dak id-dokument li gie sottomess lit-Tribunal nhar is-26 ta' Jannar 1982. Dan id-dokument li kien gie iffirmat nhar is-17 ta' Dicembru 1980, bejn il-Management u l-"Advice Committee" ta' l-Agio Tobacco Company Limited, jirregola r-relazzjonijiet, l-kundizzjonijiet tax-xoghol u l-pagi ta' l-impjegati ta' l-istess kumpanija u kif ga ghamilha cara t-Tribunal f'paragrafu 4 tad-Decizjoni Nru. 113 tat-2 ta' Frar 1982, li kien gie accettat mid-Dipartiment tax-Xoghol. Ghalhekk, it-Tribunal ma ghandu l-ebda interpretazzjoni hlief dak li jidher car fid-Decizjoni Nru. 113.

A. DEBONO
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

em